**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 21 ta' Frar, 2018**

**Talba Nru: 371/2017PM1**

**Miller Distributors Limited**

**Vs**

**Damiano Alfio Ranissi Torissi (K.I. 141280(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 t'Awwissu, elfejn u sbatax (2017) illi l-konvenut ghandu jigi dikjarat debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' erbat elef, disgha mija u tnejn u tmenin euro u ghoxrin centezmi (€4982.20) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjughha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lill-istess konvenut fuq inkarigu tieghu stess u li kwindi t-Tribunal ghandu jikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lir-rikorrenti l-imsemmija somma bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dekorribli mid-data tal-hrug tal-invoice sad-data tal-effettiv pagament.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-15 ta' Frar, 2018.

Ra l-affidavit ta' Alan Schembri ezebit mis-socjeta` attrici a fol. 18 et seq tal-process permezz ta' liema fisser it-talba tas-socjeta` attrici, ikkonferma l-kontenut tal-avviz u prezenta wkoll dokumenti estensivi a sostenn tat-talba fosthom il-fatturi relattivi ghall-merkanzija ikkonsenjata lill-istess intimat.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikat l-intimat naqas milli jattendi ghas-seduti tal-15 ta' Frar, 2018 u ghas-seduta tal-lum u lanqas prezenta ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi permezz tax-xhieda tieghu moghtija permezz tal-affidavit ezebit a fol. 18 et. seq tal-process, Alan Schembri in rapprezentenza tas-socjeta` attrici, apparti li kkonferma l-kontenut tat-talba odjerna, ikkonferma wkoll li l-ammont mitlub ghadu dovut ukoll a bazi tad-dokumenti ezebiti minnu waqt l-istess seduta, senjatament il-fatturi mibghutin lill-intimat u liema fatturi jinkludu elenku estensiv ta' merkanzija mibghuha u kkonsenjata lilu. Huwa car li tali merkanzija kienet intiza ghar-rivendita min-naha tal-intimat li f'dan ir-rigward jidher li huwa wkoll munit minn numru tal-VAT relattiv ghan-negozju tieghu.

Illi ghaldaqstant jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija sodisfacentement ippruvata.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa’ it-talba tas-socjeta` attrici u filwaqt li jsib li l-intimat huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma mitluba ta’ erbat elef, disgha mija u tnejn u tmenin euro u ghoxrin centezmi (€4982.20) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjughha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lill-istess konvenut fuq inkarigu tieghu stess, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma mitluba ta’ erbat elef, disgha mija u tnejn u tmenin euro u ghoxrin centezmi (€4982.20) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dekorribli mid-data tal-hrug tal-invoices relattivi sad-data tal-effettiv pagament.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**